KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fil-25 ta' Jannar 2017 [1]

Kawża C-437/15 P

Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)
vs
Deluxe Laboratories, Inc.,

Deluxe Entertainment Services Group Inc.

"Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "deluxe" — Rifjut tar-reġistrazzjoni mill-eżaminatur"

1. Il-kumpannija Deluxe Entertainment Service Group Inc. (iktar 'il quddiem, "Deluxe Inc.") [2] talbet ir-reġistrazzjoni bħala trade mark tal-Unjoni [3] tal-kelma "deluxe" inkwadrata fi stampa, sabiex jiġu identifikati għadd sinifikanti (iktar minn disgħin) ta' prodotti u servizzi. It-talba tagħha ġiet miċħuda mill-eżaminatur u mill-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), peress li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma kellhiex karattru distintiv fir-rigward ta' dawk il-prodotti u s-servizzi kollha.

2. Il-Qorti Ġenerali, li quddiemha Deluxe Inc. ikkontestat id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, annullat is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015 (iktar 'il quddiem, "is-sentenza kkontestata") [4] minħabba li skopriet żball ta' motivazzjoni, fejn — skont il-Qorti Ġenerali — ma saritx l-analiżi meħtieġa tal-karattru distintiv tat-trade mark fir-rigward tal-oġġetti u s-servizzi jew, mill-inqas, fir-rigward tal-kategoriji li dawn jistgħu jiffurmaw.

3. L-EUIPO jikkuntesta fl-appell is-sentenza tal-Qorti Ġenerali, billi jsostni, essenzjalment, li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni annullata kienet korretta.

1 — Lingwa oriġinali: Spanjol.

2 — Suċċessur tal-kumpannija Deluxe Laboratories, Inc.

3 — L-espressjoni "trade mark tal-Unjoni" hija konformi mal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) (ĠU 2015, L 341, p. 21). Se nuża t-termini "trade mark tal-Unjoni Ewropea" jew "trade mark tal-Unjoni" mingħajr distinzjoni.

4 — Kawża T-222/14, Deluxe Laboratories vs UASI (deluxe) (mhux ippubblikata EU:T.2015:364).

4. L-appell iqajjem kwistjonijiet ta' diversi tipi li jaffettwaw kemm il-karattru distintiv tas-sinjal "deluxe", li għandu ċertu konnotazzjoni ta' reklamar[5] jew ta' eloġju[6] fir-rigward ta' — mill-inqas xi — prodotti u servizzi li għandu l-għan li jipproteġi, kif ukoll il-possibbiltà li, meta tkun teżisti raġuni assoluta għal rifjut, l-EUIPO jkollu s-setgħa li ma jwettaqx analiżi ddettaljata tar-relazzjoni bejn it-trade mark li tkun saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni għaliha u dawk l-oġġetti jew is-servizzi.

5. L-EUIPO jsostni li hemm ksur biss tal-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009[7], moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(b), ta' dan l-istess regolament, fl-appell tiegħu. Huwa ma jindirizzax fih, madankollu, il-problemi li jistgħu jinqalgħu rigward ir-raġunijiet assoluti għal rifjut tat-trade marks tal-Unjoni inklużi fl-ittra (c) tal-istess artikolu u paragrafu, li se nerġa' niddiskuti iktar 'il quddiem.

I. **Il-kuntest ġuridiku**

Ir-Regolament Nru 207/2009

6. L-Artikolu 4 tiegħu jipprovdi li:

"Trade mark Komunitarja tista' tikkonsisti f'sinjali li jistgħu jiġu rappreżentati b'mod grafiku […] sakemm dawn is-sinjali jiddistingwu l-prodotti jew is-servizzi ta' impriża minn dawk ta' impriża oħra."

7. Taħt it-titolu "Raġunijiet assoluti għal rifjut", l-Artikolu 7 jipprovdi:

"1. Dawn li ġejjin ma jistgħux jiġu rreġistrati:

a) sinjali li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4

b) trade marks li mhumiex ta' karattru distintiv;

c) trade marks li jikkonsistu esklussivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw fil-kummerċ sabiex jindikaw ix-xorta, il-kwalità, il-kwantità, l-użu intenzjonat, il-valur, l-oriġini ġeografika jew il-ħin ta' produzzjoni tal-prodotti jew ta' meta ingħata s-servizz, jew karatteristiċi oħrajn tal-prodotti jew servizzi;

[…]

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika minkejja li r-raġunijiet li jwasslu biex trade mark ma tiġix reġistrata japplikaw biss f'parti tal-Komunità.

[…]"

5 — Teżisti ġurisprudenza estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar trade marks li jinkorporaw slogans pubbliċitarji. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Ottubru 2004, UASI vs Erpo Möbelwerk (C-64/02 P, EU:C:2004:645), punt 35; u tal-21 ta' Jannar 2010, Audi vs UASI (C-398/08 P, EU:C:2010:29), punt 45.

6 — Mill-ġurisprudenza dwar sinjali ta' eloġju, ara s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2011, Media-Saturn-Holding vs UASI (C-92/10 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:15), punt 51; u d-digriet tal-11 ta' Diċembru 2014, FTI Touristik vs UASI (C-253/14 P, mhux ippubblikat, iktar 'il quddiem, "BigXtra", EU:C:2014:2445), punt 35.

7 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1). Ma huwiex applikabbli, *ratione temporis*, ir-Regolament Nru 2015/2424.

8. L-Artikolu 75, taħt it-titolu “Stqarrija tar-raġunijiet li fuqhom id-deċiżjonijiet huma bbażati”, jipprovdi:

“Id-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju għandhom jistqarru r-raġunijiet li fuqhom huma bbażati. Dawn għandhom ikunu bbażati biss fuq raġunijiet jew fuq xiehda fir-rigward ta’ liem il-partijiet konċernati kellhom l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom.”

II. **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

1. Il-fatti fil-każ

9. Fl-10 ta’ Ottubru 2012, Deluxe Inc. ippreżentat applikazzjoni għal trade mark Komunitarja, b’mod konformi mar-Regolament Nru 207/2009, għal dan is-sinjal figurattiv:

10. Din l-applikazzjoni [8] semmiet il-prodotti u s-servizzi li ġejjin inklużi fil-klassijiet 9, 35, 37, 39 sa 42 u 45 tal-Ftehim ta’ Nizza [9], jiġifieri [10]:

— Klassi 9: “Films ċinematografiċi u telefilms ta’ vidjows tal-mużika, ta’ azzjoni/avventura, ta’ kummiedja, ta’ drama, ta’ terrur, tal-familja, tat-tfal, ta’ animazzjoni, tal-isports, dokumentarji, ta’ reklamar, ta’ fantaxjenza, tal-istorja, edukattivi, tal-azzjoni diretti, magħmula bil-kompjuter, animati, f’2D, fi 3D, ta’ trejlers, ta’ avviżi ta’ servizz pubbliku, ta’ finzjoni, mhux ta’ finzjoni, tar-realtà u thrillers; midja diġitali, jiġifieri, DVD, DVD HD, diski ottiċi ta’ vidjows tal-mużika, ta’ azzjoni u avventura, ta’ kummiedja, ta’ drama, ta’ terrur, tal-familja, tat-tfal, ta’ animazzjoni, tal-isports, dokumentarji, ta’ reklamar, ta’ fantaxjenza, tal-istorja, edukattivi, tal-azzjoni diretti, magħmula bil-kompjuter, animati, f’2D, fi 3D, ta’ trejlers, ta’ avviżi ta’ servizz pubbliku, ta’ finzjoni, mhux ta’ finzjoni, tar-realtà u thrillers; u reġistrazzjonijiet tal-awdjo u tal-vidjow li jistgħu jitniżżlu, programmi tat-televiżjoni u programmi tal-vidjow”.

— Klassi 35: “Kontroll, monitoraġġ u traċċar bil-kompjuter ta’ pakketti fi tranżitu; reklamar u telepromozzjoni ta’ films ċinematografiċi, programmi tat-televiżjoni u reklamar; preparazzjoni ta’ preżentazzjonijiet awdjoviżivi b’konnessjoni mal-mużika, films ċinematografiċi, programmi tat-televiżjoni u reklamar; preparazzjoni ta’ preżentazzjonijiet awdjoviżivi għall-użu tagħhom fir-reklamar; servizzi ta’ muntaġġ wara l-produzzjoni għal avviżi bil-vidjow u bl-awdjo; kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti; ġestjoni ta’ servizzi, jiġifieri, l-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni fil-kuntest tat-trasferiment ta’ informazzjoni dwar il-krediti u s-sottotitoli ta’ xogħlijiet awdjoviżivi; ġestjoni kummerċjali ta’ assi tat-tip ta’ programmi tat-televiżjoni, films ċinematografiċi u avviżi, u l-kontenut ta’ midja awdjoviżiva kummerċjali, industrijali u tan-negozju; organizzazzjoni u ċelebrazzjoni ta’ fieri, wirjiet bi skopijiet kummerċjali jew ta’ reklamar fir-rigward ta’ divertiment, televiżjoni, softwer u vidjowgejms; servizzi ta’ organizzazzjoni, jiġifieri, indiċjar ta’ fajls diġitali ta’ kontenut ċinematografiku, vidjow, awdjo, illustrazzjonijiet u dokumenti, għall-industriji ta’ wara l-produzzjoni; ġestjoni ta’ fajls diġitali li jippreżentaw kontenut ta’ films, vidjow, awdjo, fotografiku u dokumentarju, għall-industriji ta’ wara l-produzzjoni; ġestjoni ta’ inventarju, jiġifieri, lokalizzazzjoni fajls diġitali li jkun fihom kontenut ċinematografiku, tal-vidjow, awdjo, fotografiku u dokumentarju, għall-industriji ta’ wara l-produzzjoni; servizzi ta’ ġestjoni tan-negozju, jiġifieri, ġestjoni ta’ assi diġitali u ta’ proprjetà intellettwali”.

8 — Ġiet ippubblikata fil-*Bulettin tat-Trade Marks Komunitarji* Nru 2009/044, tas-16 ta’ Novembru 2009.

9 — Dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta’ Merkanzija u Servizzi għall-fini tar-Reġistrazzjoni ta’ Marki, tal-15 ta’ Ġunju 1957, kif irrivedut u emendat.

10 — Fil-verżjoni tas-sentenza mogħtija bil-lingwa tal-proċedura (l-Ispanjol), il-prodotti u s-servizzi ġew deskritti bl-Ingliż, kif kienu jinsabu wkoll fl-appell quddiem il-Qorti Ġenerali. It-traduzzjoni użata hawnhekk, għaldaqstant, ma hijiex uffiċjali.

— Klassi 37: “Servizzi ta’ remastering ta’ films, tejps, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata, diġitali, li tista’ tiġi ddawnlowdjata u online, jiġifieri, tindif ta’ films, tejps, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata, diġitali, li tista’ titniżżel u online”.

— Klassi 39: “Ħżin u trasport ta’ kameras, films, vidjow, midja diġitali, ipproċessar tad-dejta u l-aċċessorji tagħha; spooling u ħżin ta’ midja ċinematografika, diġitali u tal-vidjow, materjal promozzjonali assoċjat ma’ films ċinematografiċi, programmi tat-televiżjoni u reklamar, jiġifieri, kostumi, powsters, films ta’ siluwetti, programmi ta’ televiżjoni u avviżi; ħżin elettroniku ta’ immaġni diġitali u tal-vidjow, reġistrazzjonijiet ċinematografiċi u ta’ awdjo diġitali; ħżin ta’ films, programmi televiżivi, reklamar, ċinema diġitali, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata, diġitali u online; spooling ta’ diski tal-vidjow master, tejps tal-awdjo u CD-ROM oriġinali ta’ mużika u immaġni; ġestjoni tal-midja, jiġifieri, ċaqliq, arkivjar, u trasport ta’ fajls diġitali b’kontenut ċinematografiku, tal-vidjow, tal-awdjo, fotografiku u dokumentarju, għall-industriji ta’ wara l-produzzjoni; ippakkjar ta’ merkanzija għat-trasferiment; kunsinna ta’ prodotti bit-trakk; ħżin ta’ merkanzija u servizzi ta’ magazzinaġġ; kundizzjonament mill-ġdid ta’ merkanzija għal terzi, jiġifieri, ta’ mużika, vidjows, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja rreġistrata oħra, diġitali, li tista’ tiġi ddawnlowdjata u online; u servizzi ta’ kundizzjonament mill-ġdid personalizzati għal reġistrazzjonijiet tal-awdjo, tal-vidjow u dejta, skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-ordnijiet ta’ terzi”.

— Klassi 40: “Duplikazzjoni u riproduzzjoni ta’ films ċinematografiċi, programmi televiżivi, reklamar u programmi ta’ vidjow fuq films, tejps tal-vidjow, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja rreġistrata oħra, diġitali, li tista’ titniżżel u online; midja rreġistrata u onlajn; mastering u duplikazzjoni ta’ prints u negattivi ta’ films ċinematografiċi fuq tejps tal-vidjow, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja rreġistrata oħra, diġitali, li tista’ tiġi ddawnlowdjata u online; qtugħ ta’ negattivi; kiri ta’ makkinarju u apparat għall-istampar għall-iżvilupp u l-ipprintjar tal-industrija tal-fotografija, iċ-ċinema u t-televiżjoni; illuminazzjoni tal-kulur tal-films bl-iswed u abjad; sottotitolar tal-films u l-vidjows; servizzi ta’ korrezzjoni diġitali ta’ vidjows u t-trasferiment ta’ vidjow diġitali, jiġifieri, korrezzjoni tal-kulur u l-konverżjoni tal-films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u avviżi għal films fuq vidjows; kopja ta’ midja ċinematografika u midja oħra tal-vidjow: jiġifieri, bidla fil-format tal-films; u produzzjoni skont l-ordni ta’ diski diġitali; duplikazzjoni ta’ tejps tal-vidjow, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra, irreġistrati, diġitali, li jistgħu jitniżżlu u online fil-formats professjonali kollha; servizzi ta’ vidjow, jiġifieri, mastering u duplikazzjoni ta’ tejps tal-vidjow professjonali, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata diġitali, li tista’ titniżżel u online; servizzi ta’ pproċessar ta’ films; servizzi ta’ trasferiment ta’ films fuq tejps tal-vidjow, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata diġitali, li tista’ titniżżel u online, b’mod speċjali, qlib ta’ films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar f’tejps tal-vidjow, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata, diġitali, li tista’ titniżżel u online; servizzi ta’ konservazzjoni u ta’ protezzjoni ta’ films ċinematografiċi u ta’ midja oħra tal-vidjow, pereżempju, preservazzjoni u restawr diġitali ta’ films; servizzi ta’ stampar għal reġistrazzjonijiet tal-ħoss, vidjow u dejta; ipproċessar u stampar ta’ films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar; konverżjoni diġitali ta’ films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar minn 2D għal 3D; operat ta’ laboratorji għall-ipproċessar ta’ films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar; ifformattjar u konverżjoni ta’ midja u dejta diġitali; konverżjoni diġitali ta’ films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar fuq tejps tal-vidjow, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra diġitali rreġistrata u online; servizzi ta’ trasferiment diġitali ta’ films fuq tejp, b’mod partikolari, it-trasferiment ta’ films fuq DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata, diġitali, li tista’ titniżżel u online”.

— Klassi 41: “Servizzi ta’ laboratorju u ta’ wara l-produzzjoni ta’ films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar, vidjow diġitali u tejps tal-vidjow, jiġifieri, skennjar ta’ films b’riżoluzzjoni għolja, temporizzazzjoni ta’ kulur diġitali, reġistrazzjoni ta’ films bil-lejżer ta’ immaġni ta’ definizzjoni għolja u vidjows diġitali fuq films; servizzi ta’ mastering diġitali u vidjow għal films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar; servizzi ta’ immaġni diġitali; manipulazzjoni diġitali u elettronika ta’ immaġni għal films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar; reġistrazzjoni ta’ immaġni diġitali

fuq tejps ta' films; produzzjoni ta' midja tal-vidjow u awdjo, jiġifieri, produzzjoni ta' vidjowkażetts u DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata, diġitali, li tista' titniżżel u online għal terzi; produzzjoni ta' effetti speċjali viżivi, ottiċi u diġitali għal terzi, tat-televiżjoni, films ċinematografiċi, avviżi, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja rreġistrata, diġitali, li tista' titniżżel u online, jiġifieri, ċinema diġitali; servizzi ta' reġistrazzjoni u produzzjoni ta' awdjo; servizzi ta' editjar ta' films; produzzjoni elettronika ta' films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar minn tejps tal-vidjo, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja rreġistrata, diġitali, li tista' titniżżel u online; produzzjoni ta' effetti speċjali viżivi għal tejps tal-vidjow, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja rreġistrata, diġitali, li tista' titniżżel u online; produzzjoni u distribuzzjoni ta' films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar; reġistrazzjoni ta' 'voiceovers' għal tejps tal-vidjow, diski, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja rreġistrata, diġitali, li tista' titniżżel u online; servizzi ta' assistenza marbutin mal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' films ċinematografiċi; produzzjoni ta' diski tal-vidjow, tejps tal-awdjo u CD-ROM oriġinali b'mużika u immaġni; organizzazzjoni għad-distribuzzjoni jew it-tqassim ta' films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar; servizzi ta' distribuzzjoni ta' films, tejps, DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja rreġistrata, diġitali, li tista' titniżżel u online; servizzi ta' doppjaġġ u editjar ta' films; vidjows u kolonni sonori ta' films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar".

— Klassi 42: "Disinn u żvilupp ta' softwer tal-kompjuter; riċerka u żvilupp tal-prodotti; hosting ta' siti web għal terzi; servizzi ta' disinn ta' siti web għal terzi; marki tal-ilma diġitali; servizzi ta' arti grafika għar-reklamar tal-istampa relatat ma' divertiment; disinn ta' menus ta' DVDs għal terzi; disinn għal terzi ta' imballaġġ ta' mużika, vidjow, DVD u midja diġitali; kontroll tal-kwalità għalterzi tad-duplikazzjoni, riproduzzjoni u d-distribuzzjoni ta' films u vidjows diġitali; servizzi ta' ħolqien ta' kontenut, jiġifieri, id-disinn u l-iżvilupp ta' softwer interattiv u ta' kontenut multimedjali ieħor; disinn u żvilupp ta' prodotti multimedjali, jiġifieri, disinn ta' menus tad-DVD għal terzi; irkupru ta' fajls diġitali b'kontenut ċinematografiku, tal-vidjow, tal-awdjo, fotografiku u dokumentarju, għall-industriji ta' wara l-produzzjoni; konverżjoni ta' dejta jew dokumenti minn midja fiżika għal midja elettronika; servizzi ta' ħolqien għal DVD, DVD HD, diski ottiċi u midja oħra rreġistrata, diġitali, li tista' titniżżel u online; kompressjoni diġitali ta' dejta; kompressjoni diġitali ta' dejta tal-awdjo u tal-vidjow; kompressjoni diġitali ta' dejta tal-films u tal-vidjow; servizzi ta' kompressjoni ta' dejta ta' midja u dejta diġitali".

— Klassi 45: "Servizzi ta' konsulenza għas-sigurtà ta' prodotti tal-industrija ċinematografika, tat-televiżjoni u tar-reklamar, jiġifieri, l-awtentikazzjoni u d-detezzjoni tal-piraterija ta' prodotti, u r-reġistrazzjoni u traċċar ta' dejta diġitali; stampar ta' sigurtà, jiġifieri, kodifikazzjoni ta' midja u dejta diġitali sabiex jintużaw fit-traċċar tas-sors tal-kopji mingħajr awtorizzazzjoni u servizzi ta' kodifikazzjoni u transkodifikazzjoni ta' midja u dejta diġitali; kodifikazzjoni ta' films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar sabiex jintużaw fit-traċċar tas-sors tal-kopji tagħhom mingħajr awtorizzazzjoni; servizzi ta' protezzjoni tal-kontenut irreġistrat; ġestjoni tad-drittijiet kontra l-piraterija, jiġifieri, servizzi ta' sigurtà għall-prodotti fl-industrija ċinematografika, tat-televiżjoni u tar-reklamar; teknoloġija u servizzi relatati mas-sigurtà, jiġifieri, traċċar u monitoraġġ sabiex jiġu żgurati u traċċati films ikkodifikati kontra l-frodi, il-piraterija u l-falsifikazzjoni; servizzi ta' protezzjoni tal-kontenut elettroniku; riċerka u żvilupp relatati mat-tniżżil illegali u l-ħżin illegali ta' arkivji ta' films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar diġitali mhux awtorizzat".

11. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2013, l-eżaminatur ċaħad l-applikazzjoni għall-prodotti u s-servizzi kollha indikati fiha, minħabba li kien tal-opinjoni li, skont l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009, it-trade mark "deluxe" ma kinitx ta' karattru distintiv u kienet tinforma lill-konsumaturi dwar il-kwalità tal-prodotti u s-servizzi inkwistjoni.

12. Id-deċiżjoni tal-eżaminatur ġiet appellata quddiem it-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, li kkonferma dik id-deċiżjoni fid-deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Jannar 2014 (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata") fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, filwaqt li kkonfermat il-validità tal-argument mogħti mill-eżaminatur fir-rigward tal-ittra (c) tal-imsemmi artikolu.

13. Fost l-oħrajn, il-Bord tal-Appell ikkunsidra li, fil-parti tal-Unjoni Ewropea fejn tinftiehem il-lingwa Ingliża, l-element figurattiv "deluxe" waħdu ma jippermettix li ssir differenzazzjoni bejn il-prodotti u s-servizzi tar-rikorrenti u dawk tal-kompetituri tagħha, minħabba li hija tip ta' kelma promozzjonali komuni u tikkonsisti f'sempliċi "dikjarazzjoni ta' kwalità superjuri". Huwa żied li l-kelma "deluxe" tappartjeni għall-kategorija ta' dawk li għandhom jiġu esklużi mill-monopolju tat-trade mark u li l-element grafiku tagħha ma kienx biżżejjed biex jagħti karattru distintiv lit-trade mark mitluba. Għall-istess raġunijiet, il-Bord tal-Appell ikkonferma d-deċiżjoni tal-eżaminatur sa fejn kien qies li t-trade mark mitluba tinforma lill-konsumaturi dwar il-kwalità tal-prodotti u s-servizzi inkwistjoni. Huwa rrifjuta, fl-aħħar nett, li t-trade mark kienet kisbet karattru distintiv permezz tal-użu tagħha fl-Unjoni.

2. Is-sentenza appellata

14. Peress li ma kinitx taqbel mad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, Deluxe Inc. ippreżentat rikors fl-10 ta' April 2014 quddiem il-Qorti Ġenerali.

15. Ir-rikors kien ibbażat fuq ħames sitwazzjonijiet ta' ksur li Deluxe Inc. allegat li seħħew fid-deċiżjoni kkontestata u li kull wieħed minnhom kien motiv ta' annullament. Fil-fehma tagħha, il-Bord tal-Appell kien kiser id-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament Nru 207/2009: 1) L-Artikolu 75, li jimponi fuq l-EUIPO l-obbligu li jipprovdi r-raġunijiet li d-deċiżjonijiet tiegħu huma bbażati fuqhom; 2) l-Artikolu 7(1)(b), fir-rigward tal-karattru distintiv tas-sinjal; 3) l-Artikolu 7(1)(c) fir-rigward tal-karattru deskrittiv tas-sinjal; 4) l-Artikolu 7(3), fir-rigward tal-kisba eventwali ta' karattru distintiv minħabba l-użu; u 5) il-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi, tad-drittijiet miksuba u tal-legalità tal-atti Komunitarji.

16. Il-Qorti Ġenerali analizzat biss, flimkien, l-ewwel żewġ motivi tar-rikors [11], li l-kunsiderazzjoni tagħhom wasslitha biex tiddikjara l-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata u tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

17. Is-sentenza appellata fakkret il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont liema, meta tintalab ir-reġistrazzjoni ta' trade mark għal diversi prodotti jew servizzi, il-Bord tal-Appell għandu jivverifika b'mod konkret li din ma taqax taħt xi waħda mir-raġunijiet ta' rifjut stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009, fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti jew servizzi msemmija, u jistgħu jintlaħqu kundizzjonijiet differenti skont il-prodotti jew is-servizzi. Konsegwentement, meta r-reġistrazzjoni ta' trade mark tiġi rrifjutata, il-Bord tal-Appell huwa marbut jindika fid-deċiżjoni tiegħu l-konklużjoni li wasal għaliha għal kull wieħed mill-prodotti u servizzi msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, indipendentement mill-mod kif tkun ġiet ifformulata din l-applikazzjoni. Madankollu, meta l-istess motiv ta' rifjut jingħata għal kategorija jew grupp ta' prodotti jew ta' servizzi, l-awtorità kompetenti tista' sempliċement tagħti motivazzjoni globali għall-prodotti jew servizzi kkonċernati kollha' [12].

18. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Bord tal-Appell kien eżamina l-karattru distintiv tas-sinjal "deluxe" mingħajr ma rrefera għal kull wieħed mill-prodotti u servizzi fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għall-klassijiet 9, 35, 37, 39 sa 42 u 45. Huwa għalhekk ipprovda raġuni globali dwar kollha kemm huma mingħajr ma indika li bejniethom hemm rabta suffiċjentement diretta u konkreta sabiex jiffurmaw kategorija omoġenja, għall-kuntrarju tal-ġurisprudenza.

11 — Ara l-punti 22 sa 24 tas-sentenza appellata.

12 — Il-Qorti Ġenerali ċċitat, fost l-oħrajn, il-kawża tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI (C-282/09 P, EU:C:2010:153), punti 37 u 38; u, b'mod simili, ukoll is-sentenza tal-15 ta' Frar 2007, BVBA Management, Training en Consultancy (C-239/05, EU:C:2007:99), punti 32, 34 u 38.

III. **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet**

19. L-appell ippreżentat mill-EUIPO wasal fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Awwissu 2015 u r-risposta ta' Deluxe Inc., fil-25 ta' April 2016.

20. L-EUIPO jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza appellata u tikkundanna lil Deluxe Inc. għall-ispejjeż.

21. Deluxe Inc. titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż ta' Deluxe Inc. fiż-żewġ istanzi.

22. Fuq talba ta' Deluxe Inc., skont l-Artikolu 76(1), tar-Regoli tal-Proċedura, saret seduta fid-9 ta' Novembru 2016 li fiha dehru ż-żewġ partijiet.

IV. **L-argumenti tal-partijiet**

23. L-appell huwa bbażat fuq aggravju wieħed maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel wieħed, l-EUIPO jsostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, meta llimitat il-possibbiltà li l-Uffiċċju jagħti raġuni globali għad-deċiżjonijiet tiegħu, u llimitatha biss għall-każ li fih il-prodotti u s-servizzi jifformaw kategoriji omoġenji. Skont l-EUIPO, meta sinjal, bħal "deluxe", jgħaddi messaġġ immedjatament ta' eloġju applikabbli għas-setturi kollha tal-industrija u tas-servizzi, tkun valida raġuni globali valida sabiex jiġi rrifjutat. Din ir-raġuni tippermetti kemm lir-riċevitur tagħha jikkontesta r-raġunijiet mogħtija, kif ukoll li l-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità.

24. Skont l-EUIPO, l-omoġeneità tal-prodotti u s-servizzi lanqas ma tikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja: biżżejjed li tkun teżisti karatteristika komuni sabiex tiġi aċċettata raġuni globali għal kollha. F'dan il-każ, il-karatteristika komuni tkun li kull wieħed mill-prodotti u s-servizzi, mingħajr eċċezzjoni, x'aktarx li jkun ta' kwalità pjuttost għolja, u b'hekk l-indikazzjoni ta' kwalità għolja, inerenti fil-kelma "deluxe", tiġi pperċepita fir-rigward ta' kollox bħala argument kummerċjali sempliċi.

25. Insostenn ta' dan l-EUIPO invoka l-argument tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża BigXtra [13], fejn kienet irrikonoxxiet rabta suffiċjentement diretta u konkreta bejn il-prodotti u s-servizzi koperti [14] (jiġifieri li kollha setgħu jkunu suġġetti għal skontijiet jew benefiċċji speċjali), li vvalida raġuni globali. Bi tweġiba għal din in-nota komuni, is-sinjal "BigXtra" jiġi mifhum bħala indikazzjoni tal-kwalità pożittiva ta' dawn il-prodotti u servizzi, jiġifieri, ikun preżunt bħala wegħda pubbliċitarja.

26. Għal EUIPO, is-sentenza appellata, meta wieħed iqis li d-deċiżjoni kkontestata għandha nuqqas ta' motivazzjoni [15], ma ssegwix il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti Ġenerali twettaq żball ta' liġi meta tiċħad ir-rilevanza tan-natura ta' eloġju u promozzjonali tas-sinjal "deluxe", applikabbli għall-oġġetti u s-servizzi kkontestati kollha.

27. Skont il-EUIPO, il-Bord tal-Appell spjega biżżejjed ir-raġunijiet għaliex il-kelma "deluxe" ma fihiex karattru distintiv fir-rigward ta' kull wieħed mill-prodotti u s-servizzi. Dawn ir-raġunijiet ippermettew [16] lil Deluxe Inc. tirrispondi li s-sinjal mitlub għandu jkun ikkunsidrat, neċessarjament, bħala sempliċi indikazzjoni ta' eċċellenza jew bħala eloġju promozzjonali tal-kwalità superjuri tagħhom.

13 — Digriet tal-11 ta' Diċembru 2014 (C-253/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2445), punti 48 u 49.

14 — F'dak il-każ, il-prodotti u s-servizzi li għalihom intalbet il-protezzjoni tat-trade mark kienu jaqgħu taħt il-klassijiet 16, 35, 39, 41, 42 u 43 tal-Ftehim ta' Nizza.

15 — B'mod partikolari fil-punti 23 u 24 tas-sentenza.

16 — Għaldaqstant, l-obbligu ta' motivazzjoni huwa ssodisfatt

28. L-EUIPO jemmen li jekk il-Bord tal-Appell ikun meħtieġ jagħti analiżi dettaljata għall-prodotti u s-servizzi (inklużi skont il-kategoriji) iwassal għal ripetizzjoni sistematika u formali tal-pedament bażiku tar-rifjut, jiġifieri, li s-sinjal ma jkollux karattru distintiv għal kull wieħed minnhom. Din ir-ripetizzjoni ma żżid xejn mal-argument sottostanti għar-rifjut ta' reġistrazzjoni tat-trade mark (in-nuqqas ta' karattru distintiv tiegħu).

29. Fl-aħħar nett, l-EUIPO jallega li, f'serje ta' sentenzi, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet in-nuqqas ta' karattru distintiv ta' ċerti slogans fir-rigward ta' firxa diversa ta' prodotti jew servizzi, meta l-perċezzjoni tas-sinjal bħala messaġġ pubbliċitarju kurrenti tkun immedjata u invarjabbilment applikabbli għalihom kollha [17].

30. Fit-tieni parti tal-uniku aggravju tal-appell, l-EUIPO huwa favur kunċett wiesa' ta' omoġeneità, għall-finijiet tal-motivazzjoni globali. Huwa biżżejjed li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni jkollhom karatteristika komuni, u din tista' tkun saħansitra bejn prodotti jew servizzi li jinsabu f'setturi kompletament differenti, mingħajr ma neċessarjament jinħareġ ix-xebh bejn il-prodotti u s-servizzi skont in-natura jew l-iskop tagħhom. Huwa jirrifjuta, kif għamlet is-sentenza appellata [18], li tiġi stabbilita korrelazzjoni bejn l-eżistenza ta' "kategorija omoġenja" u d-deskrizzjoni tal-prodotti u s-servizzi.

31. Skont l-EUIPO, għalkemm il-ġurisprudenza [19] tirrikjedi rabta suffiċjentement diretta u konkreta bejn il-prodotti u s-servizzi sabiex tiġi fformata kategorija b'biżżejjed omoġeneità (li tippermetti raġuni globali), ma tispeċifikax liema għandha tkun in-natura tar-rabta, iżda sempliċement teħtieġ li tkun teżisti. Huwa jenfasizza, f'dan il-kuntest, li mill-ġurisprudenza [20] lanqas ma jirriżulta li l-kriterji rilevanti sabiex tiġi ddeterminata l-omoġeneità jkunu predeterminati b'natura eżawrjenti jew li jkunu kumulattivi.

32. Billi, fis-sentenza appellata, ħtieġet li l-kriterju ta' omoġeneità jiġi dedott mid-deskrizzjoni tal-oġġetti u s-servizzi li għalihom Deluxe Inc. talbet il-protezzjoni tat-trade mark, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' kategorija tal-prodotti jew servizzi "suffiċjentement omoġenji", użat mill-ġurisprudenza u, konsegwentement, il-kunċett ta' "rabta suffiċjentement diretta u konkreta" speċifiku sabiex tiġi kkostitwita tali kategorija.

33. Għall-kuntrarju, il-karatteristika komuni identifikata f'din il-kawża mill-Bord tal-Appell (jiġifieri, li "il-prodotti kollha jkunu jistgħu jiġu rreklamati bħala prodotti li jkollhom kwalità 'superjuri', filwaqt li s-servizzi kollha jkunu jistgħu jiġu rreklamati bħala servizzi li jipprovdu 'kwalità superjuri'") [21], anki jekk ma tkunx separata direttament mid-deskrizzjoni ta' wieħed jew l-ieħor, fis-sens li tkun karatteristika unika li tiddefinixxihom, hija kriterju suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li dawn kollha jiffurmaw kategorija omoġenja adattata sabiex jingħata kunsens għal raġuni globali. Il-Qorti Ġenerali ma kinitx spjegat ir-raġunijiet għalfejn din il-karatteristika komuni ma tirrappreżentax rabta suffiċjentement diretta u konkreta.

34. Il-kumpannija Deluxe Inc. tiċħad l-argumenti tal-EUIPO. B'mod partikolari, hija tikkontesta li t-trade mark tagħha għandha karattru ta' eloġju fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi kkonċernati, mill-perspettiva tal-pubbliku rilevanti.

17 — Sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Marzu 2008, Suez vs UASI (Delivering the essentials of life) (T-128/07, mhux ippubblikata, EU:T:2008:72), punt 33; tal-25 ta' Marzu 2014, Deutsche Bank vs UASI (Leistung aus Leidenschaft) (T-539/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:154), punt 16; u tat-12 ta' Diċembru 2014, Wilo vs UASI (Pioneering for You) (T-601/13, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1067), punt 37.

18 — Fil-punti 20 u 21 tagħha.

19 — Il-punt 17 tas-sentenza appellata, li jirreferi għad-digriet tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI (C-282/09 P, EU:C:2010:153), punt 40, u għas-sentenzi tat-2 ta' April 2009, Zuffa vs UASI (ULTIMATE FIGHTING CHAMPIONSHIP) (T-118/06, EU:T:2009:100), punt 28; u tat-23 ta' Settembru 2009, France Télécom vs UASI (T-396/07, mhux ippubblikata, EU:T:2009:353), punt 28.

20 — B'riferiment għad-digriet tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI (C-282/09 P, EU:C:2010:153), punt 46.

21 — Il-punt 23 tas-sentenza appellata.

35. Rigward l-ewwel parti tal-appell, Deluxe Inc. issostni li l-Uffiċċju jibbaża ruħu b'mod żbaljat fuq id-digriet BigXtra [22], liema kawża ma tistax tiġi mqabbla ma' din il-kawża inkwistjoni, minħabba li fiha ġie stabbilit li dak is-sinjal kien jipprovdi eloġju tal-*mezzi* tal-bejgħ tal-prodotti. Hija tikkontesta wkoll l-applikabbiltà tas-sentenzi ċċitati mill-EUIPO rigward is-slogans [23], minħabba li dawn kienu f'kuntesti differenti minn dak ta' hawnhekk.

36. Fir-rigward tat-tieni parti tal-aggravju tal-appell, Deluxe Inc. issostni li l-prodotti u s-servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni għat-trade mark ma humiex omoġenji u li, fi kwalunkwe każ, l-EUIPO ma ġġustifika f'ebda mument għaliex ikunu omoġenji. Hija tqis li l-punt prinċipali reali ta' din il-kwistjoni huwa l-karattru ta' eloġju tas-sinjal inkwistjoni, u tipprovdi eżempji ta' servizzi u prodotti li għalihom il-kelma "deluxe" ma timplikax karattru ta' eloġju.

37. Waqt is-seduta, Deluxe Inc. akkużat lil EUIPO li, sempliċement estrapola għall-prodotti u s-servizzi kollha kkonċernati assunzjoni ġenerali wisq, skont liema t-terminu "deluxe" ma għandux effetti distintivi.

38. Sabiex jiġi ġġustifikat li, f'dan il-każ, kellha ssir analiżi fid-dettall tat-tifsira tal-kelma "deluxe" fir-rigward ta', mill-inqas, diversi prodotti u servizzi, hija qalet li: a) minn naħa waħda, fosthom hemm uħud li huma nieqsa spettru ta' kwalità suffiċjenti sabiex jiġi mifhum li, għalkemm jaqgħu taħt it-trade mark, dan it-terminu jista' jevoka l-kwalità għolja u lussuża tagħhom [24]; u b) min-naħa l-oħra, fuq dawn il-prodotti jew is-servizzi, il-klijenti li jistgħu jixtruhom jikkonsistu fi speċjalisti professjonali b'livell għoli ta' attenzjoni, li ma humiex se jaraw fil-kelma "deluxe" allużjoni għall-kwalità għolja tagħhom. F'din is-sitwazzjoni, ma saritx esklużjoni indiskriminata tal-karattru distintiv tat-trade mark mingħajr ma ġie vverifikat fir-rigward ta' tali prodotti u servizzi.

V. **Analiżi ġuridika**

39. Naħseb li huwa iktar xieraq li ż-żewġ żbalji tal-liġi msemmija fl-uniku aggravju tal-appell jiġu indirizzati flimkien. Is-separazzjoni tagħhom tkun wisq artifiċjali, peress li, strettament, huwa l-istess difett legali u l-kontroversja tikkonċerna problema speċifika ħafna: ir-rilevanza jew nuqqas ta' rilevanza, f'din il-kawża, tar-raġuni globali tad-deċiżjoni meħuda mill-EUIPO. L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kategorija [ta' prodotti jew servizzi] suffiċjentement omoġenja", li tista' tapplika għaliha dik il-motivazzjoni, hija biss aspett ieħor (sussidjarju) ta' dak id-dibattitu.

40. Il-prinċipji tal-ġurisprudenza stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward huma spjegati — b'mod korrett, fl-opinjoni tiegħi — fis-sentenza appellata [25]. Se nibda bihom bħala premessi għall-analiżi tal-appell, wara li nagħmel sintesi tal-karatteristiċi essenzjali tiegħu.

41. Meta, għall-finijiet tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, l-EUIPO jeżamina l-karattru distintiv ta' sinjal li għalih tkun saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni għal diversi prodotti jew servizzi: a) huwa jinvestiga jekk is-sinjal iservix sabiex jidentifika dawk il-prodotti jew servizzi, billi jattribwixxi lilhom orġini minn impriża partikolari, u sabiex jiġu distinti minn dawk ta' impriżi oħra [26]; b) jekk

22 — Digriet tal-11 ta' Diċembru 2014 (C-253/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2445).

23 — Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet u n-nota korrelattiva ta' qiegħ il-paġna.

24 — Bħala eżempji, niċċita dawn li ġejjin: servizzi ta' ġestjoni ta' assi diġitali u proprjetà intellettwali (klassi 35); ħżin u trasport ta' kameras (klassi 39); operat ta' laboratorji għall-ipproċessar ta' films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u reklamar (klassi 40); irkupru ta' arkivji diġitali li jirrappreżentaw kontenut ċinematografiku (klassi 42); u r-riċerka u l-iżvilupp relatati mat-tniżżil u l-ħżin illegali ta' arkivji ta' films ċinematografiċi, tat-televiżjoni u ta' reklamar diġitali mhux awtorizzati (klassi 45).

25 — B'mod partikolari, fil-punti 15 sa 18 tagħha.

26 — Sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Eurohypo vs UASI (C-304/06 P, EU:C:2008:261), punt 59.

ikollhom karattru distintiv, għandu jipproċedi bl-analiżi tiegħu rigward il-prodotti jew is-servizzi mitluba, u jista' jasal għal konklużjonijiet differenti għal kull wieħed minnhom [27]; u c) jekk tiġi rrifjutata r-reġistrazzjoni, id-deċiżjoni għandu jkollha raġunijiet, fil-prinċipju, għal kull wieħed minn dawk il-prodotti jew servizzi [28].

42. Dawn ir-regoli jippermettu, madankollu, eċċezzjoni waħda importanti: jekk l-EUIPO jemmen li l-istess raġuni għal rifjut tista' tiġi estiża għal kategorija jew grupp ta' prodotti jew servizzi, huwa jista' jillimita lilu nnifsu għal raġuni globali waħda għal kollha [29].

43. Ċertament, l-istess ġurisprudenza tenfasizza l-ħtieġa li jiġi vvalutat il-karattru distintiv filwaqt li titqies il-perċezzjoni tal-pubbliku rilevanti [30], fatt li, minkejja li għandu inqas importanza, jista' jkun rilevanti fil-kawża.

44. L-EUIPO jqis li, billi l-Qorti Ġenerali kienet teħtieġ raġuni għar-rifjut tat-trade mark "deluxe" għal kull prodott jew servizz mitlub, hija wettqet żball ta' liġi, peress li l-karattru ta' eloġju tal-kelma kien jinvolvi evalwazzjoni globali. F'dan il-kuntest, huwa jikkundanna l-applikazzjoni tal-kunċett ta' kategoriji ta' prodotti u servizzi "suffiċjentement omoġenji" tas-sentenza appellata, li jqis li tmur kontra l-ġurisprudenza.

45. Spjegata f'dawn it-termini, il-problema tinftiehem aħjar jekk titqiegħed fil-kronoloġija tal-proċedura, fil-mument li fih l-EUIPO jwettaq l-analiżi tas-sinjal li saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiegħu.

46. F'dan l-ewwel mument, kif diġà pprovdejt, l-EUIPO għandu jivverifika *b'mod konkret* li s-sinjal ma jkunx jaqa' taħt xi waħda mir-raġunijiet għal rifjut li jinsabu fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009, fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi. L-analiżi tal-karattru distintiv tas-sinjal għandha tkun bir-reqqa u kompleta, jiġifieri, ma tkunx limitata għall-minimu possibbli [31], li jmur kontra ċ-ċertezza tad-dritt u l-amministrazzjoni tajba, prinċipji li jimpedixxu r-reġistrazzjoni mhux xierqa ta' trade marks li ma jissodisfawx il-kriterji ġuridiċi [32].

47. Każ speċifiku huwa dak tal-marki li għalihom tkun saret l-applikazzjoni li jikkonsistu "minn sinjali jew indikazzjonijiet li, barra minn dan, huma użati bħala slogans pubbliċitarji, indikazzjonijiet ta' kwalità jew espressjonijiet li jħajru x-xiri tal-prodotti jew tas-servizzi koperti minn din it-trade mark". Il-Qorti ta' Ġustizzja ma tipprojbixxix strettament ir-reġistrazzjoni tagħhom [33].

48. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, "il-konnotazzjoni ta' eloġju ta' trade mark verbali ma teskludix li din hija xorta waħda adatta sabiex tiggarantixxi lill-konsumaturi l-oriġini tal-prodotti jew servizzi li hija tkopri. Għaldaqstant, tali trade mark tista' fl-istess ħin tkun ipperċepita mill-pubblika rilevanti bħala espressjoni promozzjonali u indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti jew servizzi. Minn dan jirriżulta li, sakemm dan il-pubbliku jipperċepixxi t-trade mark bħala indikazzjoni ta' din l-oriġini, il-fatt li din tkun simultanjament, jekk mhux ukoll fl-ewwel lok, mifhuma bħala espressjoni promozzjonali huwa irrilevanti għall-karattru distintiv tagħha" [34].

27 — Sentenza tal-15 ta' Frar 2007, BVBA Management, Training en Consultancy (C-239/05, EU:C:2007:99), punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata.

28 — Digriet tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI (C-282/09 P, EU:C:2010:153), punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 — Digriet tat-18 ta' Marzu 2010, CFCMCEE vs UASI (C-282/09 P, EU:C:2010:153), punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 — Dan ġie kkonstatat, korrettament, mill-Qorti Ġenerali fil-punt 18 tas-sentenza appellata.

31 — Il-Qorti tal-Ġustizzja impliċitament ċaħdet li l-awtorità kompetenti twettaq analiżi tal-karattru distintiv limitat għall-espressjoni minima tiegħu, li jippermetti li jiġi rreġistrat kwalunkwe sinjal mill-mument li fih tirriżulta l-iktar kapaċità limitata sabiex jintgħaraf mis-sinjali tal-kompetituri. Ara s-sentenza tad-19 ta' Settembru 2002, DKV(C-104/00 P, EU:C:2002:506), punti 13 u 20.

32 — Sentenza tas-6 ta' Mejju 2003, Libertel (C-104/01, EU:C:2003:244), punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata.

33 — Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2004, UASI vs Erpo Möbelwerk (C-64/02 P, EU:C:2004:645), punt 41.

34 — Sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, Audi vs UASI (C-398/08 P, EU:C:2010:29), punt 45.

49. Dawn il-kwotazzjonijiet ġejjin minn ġurisprudenza dwar trade marks verbali magħmula minn indikazzjonijiet jew sinjali użati bħala slogans jew karatteristiċi ta' kwalità, li ssir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja li tirrikonoxxi "id-diffikultajiet li dawn tal-aħħħar jistgħu jinvolvu […] sabiex jiġi stabbilit il-karattru distintiv tagħhom u li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni", ma għandha l-ebda ġustifikazzjoni għall-analiżi tagħhom bi "kriterji speċifiċi li jissupplixxu jew jidderogaw" minn dawk ġenerali [35].

50. Jekk dan huwa l-każ, iktar u iktar għandhom jiġu applikati l-kriterji ġenerali għall-valutazzjoni tal-karattru distintiv tat-trade marks li, minbarra verbali, fihom elementi grafiċi, jiġifieri, huma figurattivi. Dan huwa preċiżament dak li jiġri f'dan il-każ, fejn saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark li tikkonsisti minn element fonetiku jew verbali (il-kelma "deluxe") u ieħor grafiku (iċ-ċirku bi sfond aħmar li jiġi sfumat fit-tarf, li fih il-kelma fuq il-parti ta' ġewwa).

51. Naturalment, jista' jkun hemm sinjali kompletament mingħajr karattru distintiv. Fost dawn insibu, bi probabbiltà kbira, xi slogans u, bi probabbiltà saħansitra ikbar, ċerti indikazzjonijiet ta' eloġju. Huwa loġiku li jekk wieħed jew ieħor ikollhom nuqqas ta' kapaċità ċar jew inkapaċità radikali li jipprovdi effetti distintivi, l-awtoritajiet kompetenti jirrifjutawhom mingħajr investigazzjonijiet ulterjuri — u inutli — fir-rigward tal-prodotti u servizzi li kienu qegħdin jipproteġu.

52. Naħseb li l-EUIPO għandu raġun li jsostni, b'mod astratt, il-validità ta' dan il-mod ta' azzjoni, minħabba li ladarba tiġi evalwata l-inkapaċità assoluta distintiva, li tista' tiġi estiża globalment għat-tipi kollha ta' prodotti u servizzi, ma narax li hemm raġuni għaliex għandu jkun meħtieġ li tintalab valutazzjoni ulterjuri ta' dik l-(in)kapaċità, fir-rigward ċerti prodotti jew servizzi uniċi. Fl-istess perspettiva, ir-rifjut tat-trade mark il-ġdida jkun iġġustifikat b'mod suffiċjenti u d-deċiżjoni tkun motivata rigward in-nuqqas ta' kapaċità sħiħa u kompluta ("universali") tat-trade mark li tintalab ir-reġistrazzjoni tagħha.

53. Il-ġurisprudenza ċċitata fis-sentenza appellata għandha tiġi spjegata, għalhekk, meta n-nuqqas ta' kapaċità ta' sinjal li jiddistingwi bejn il-prodotti jew is-servizzi ta' kumpannija, minn dawk ta' impriża oħra jilħaq tali livell ta' ċertezza li jista' jiġi kklassifikat, mingħajr riskju ta' żball, ta' inkapaċità evidenti, ikunu x'ikunu l-prodotti jew servizzi li jirreferi għalihom.

54. Dawn il-kundizzjonijiet, madankollu, ma kinux issodisfatti bit-trade mark "deluxe", għal żewġ raġunijiet. L-ewwel (forsi dik minuri) hija li, f'dan il-każ, dak li l-pubbliku seta' jipperċepixxi bħala indikazzjoni ta' kwalità ogħla huwa sinjal imħallat jew figurattiv li, min-natura tiegħu, jeħtieġ sforz, sensorjali jew intellettwali, addizzjonali għas-sempliċi perċezzjoni tal-messaġġ ta' eloġju. Barra minn hekk, f'dak l-isforz wieħed jista' jsib wieħed mill-fatturi li jxaqilbu l-bilanċ lejn l-eżistenza ta' karattru distintiv fit-trade mark "deluxe", mill-inqas għal uħud mill-prodotti jew servizzi li għandu l-għan li jipproteġi.

55. It-tieni raġuni tindirizza t-tifsira tal-frażi "deluxe", li tevoka b'mod speċifiku (u f'ċerti pajjiżi biss) dak li hu stravaganti u lussuż, liema attributi jistgħu jiġu affermati għal ċerti oġġetti jew servizzi [36], imma mhux għal oħrajn li l-użu tagħhom, fih innifsu, huwa sseparat minnhom [37]. Għalhekk kienet suppożizzjoni loġika li s-sinjal li kien hemm aspirazzjoni li jiġi rreġistrat fir-reġistru Komunitarju seta' jkollu karattru distintiv, ta' mill-inqas fir-rigward ta' dawk il-prodotti jew servizzi.

35 — Sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, Audi vs UASI (C-398/08 P, EU:C:2010:29), punt 38.

36 — L-EUIPO pprova jqabbel il-lussu mal-kwalità superjuri, iżda din l-assoċjazzjoni semantika la hi evidenti u lanqas inevitabbli. Jista' jkun hemm oġġetti, anki dawk li jiġu kkonsmati b'mod abitwali, li jkollhom kwalità għolja (pereżempju, l-ilma) u li ma jkunux neċessarjament lussużi. U, għall-kuntrarju, jistgħu jiġu immaġinati prodotti jew servizzi ta' lussu (fuq kollox, minħabba r-rarità jew l-uniċità tagħhom) li mhux bilfors ikollhom kwalità eċċezzjonali.

37 — Wieħed bilkemm jista' jitkellem, pereżempju, dwar sistema "lussuża" għall-kompressjoni diġitali ta' data jew ta' servizz "lussuż" ta' traċċar ta' kontenut diġitali pirata, biex insemmu biss tnejn mis-servizzi li t-trade mark inkwistjoni kellha l-għan li tipproteġi.

56. Barra minn hekk, dan ġie ddikjarat minn diversi uffiċċji nazzjonali ta' Stati Membri tal-Unjoni (u ta' pajjiżi oħra)[38] u l-istess EUIPO għall-istess trade mark "deluxe"[39] jew oħrajn simili, fir-rigward ta' diversi prodotti jew servizzi. Huwa veru li dawn il-preċedenti ma humiex vinkolanti, iżda jistgħu jiġu vvalutati bħala indikazzjonijiet li s-sinjal mitlub ma kienx ħaqqu rifjut inizjali u li jinkludi kollox (jiġifieri, mhux marbut mal-konnessjoni tiegħu ma' prodotti jew servizzi uniċi) mill-EUIPO, ibbażat fuq l-inkapaċità distintiva assoluta tiegħu[40].

57. Fil-fatt, il-ġurisprudenza aċċettat li l-prattika tal-Istati Membri, sa fejn tista' tkun rilevanti għal evalwazzjoni fil-qasam tal-Unjoni, isservi bħala indikazzjoni utli li l-Uffiċċju jista' jinkludi fl-evalwazzjoni tiegħu dwar il-karattru distintiv ta' sinjal[41].

58. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li, fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni, "lanqas ma huwa possibbli li tiġi kkonstatata, fir-rigward ta' sinjal identiku għal trade mark protetta fi Stat Membru, raġuni assoluta għal rifjut, bħall-karattru deskrittiv u l-assenza ta' karattru distintiv, prevista fl-Artikolu 7(1)(b), tar-Regolament Nru 40/94 kif ukoll fl-Artikolu 3(1)(b) tad-[direttivi[42] dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks]"[43].

59. Dak li ntqal sa issa, fil-fehma tiegħi, huwa biżżejjed biex wieħed ma jaqbilx mal-fatt li minnu jirriżulta l-iżvilupp ulterjuri tal-aggravju tal-appell. Dan huwa bbażat fuq pilastru (in-nuqqas assolut ta' karattru distintiv tas-sinjal "deluxe", għal kwalunkwe prodott jew servizz)[44] li, sempliċiment, ma jistax jitqies bħala approvat. Fin-nuqqas ta' dan il-fatt bażiku, l-appell, fih innifsu, huwa ddestinat għal rifjut, minħabba li quddiem sinjal li eventwalment jista' jintuża sabiex jidentifika prodotti jew servizzi, il-kontroll tal-EUIPO qabel ir-reġistrazzjoni tat-trade mark għandu jivverifika (u jagħti raġuni għal) jekk il-karattru distintiv huwiex prevedibbli minn dawn tal-aħħar, waħedhom jew miġbura f'kategoriji.

60. B'mod sussidjarju[45], għalhekk se nittratta l-kritika tal-EUIPO rigward is-sentenza appellata fir-rigward, b'mod speċifiku, tar-raġuni għall-att adottat mill-Bord tal-Appell u l-kunċett ta' "kategorija omoġenja", filwaqt li ninnota li nara ċerta inkonsistenza fil-pożizzjoni tiegħu, minħabba li għandu jkun hemm waħda minn żewġ affarijiet: jew it-terminu "deluxe" ma għandux kapaċità distintiva minima, f'liema każ ikun irrilevanti li l-prodotti u s-servizzi koperti minnu jistgħu, jew ma jistgħux, jaqgħu taħt grupp jew kategorija waħda jew iktar minn waħda, u liema kien l-element li jiddefinixxi dawn; jew inkella, għall-kuntrarju, jekk dak it-terminu jista' jwassal għal effetti distintivi f'xi każijiet, huwa inevitabbli li jiġu eżaminati (waħedhom jew f'kategoriji) il-prodotti jew servizzi korrispondenti, li EUIPO ma għamilx.

38 — Waqt is-seduta, Deluxe Inc. ikkonfermat dak li kienet diġà allegat quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, mingħajr kontradizzjoni, jiġifieri, li l-istess sinjal diskuss fil-kawża kien ġie rreġistrat fi Spanja, l-Italja, l-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti u r-Renju Unit, liema reġistrazzjonijiet juru l-"karattru distintiv intrinsiku" tiegħu.

39 — Din hija l-marka figurattiva "deluxe" Nru 006891949, magħmula minn din il-kelma inkwadrata f'ċirku aħmar. Ir-reġistrazzjoni tagħha saret mill-EUIPO, fuq talba ta' Deluxe Entertainment Services Group Inc. għal prodotti fil-klassijiet 35, 39, 40, 41, 42 u 45, simili għal dawk tas-sinjal ikkontestat hawnhekk.

40 — Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għall-fatt li t-trade mark "deluxe", applikata għal xi prodotti uniċi jista' ma jkollhiex karattru distintiv. Dan ġie ddikjarat mill-Qorti Ġenerali f'sentenza preċedenti għal dik appellata issa, li ngħatat fis-17 ta' Diċembru 2014, fil-kawża Lidl Stiftung vs UASI (Deluxe) (T-344/14, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1097), punt 28.

41 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer ippreżentati fil-kawża DKV (C-104/00 P, EU:C:2002:288), punt 91, li s-sentenza, tad-19 ta' Settembru 2002, inkorporat kważi kelma b'kelma fil-punt 39 tagħha (EU:C:2002:506).

42 — Id-Direttivi tal-Kunsill, Nru 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 (ĠU 1989, L 40, p. 1) u 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008 (ĠU 2008, L 299, p. 25).

43 — Sentenzi tal-24 ta' Mejju 2012, Formula One Licensing vs UASI (C-196/11 P, EU:C:2012:314), punt 41; u tat-8 ta' Novembru 2016, BSH vs EUIPO (C-43/15, EU:C:2016:837), punt 66. Fl-ewwel minn dawn il-każijiet ġie diskuss in-nuqqas ta karattru distintiv tas-sinjal "F1", li kien ġie evalwat mill-Qorti Ġenerali minkejja r-reġistrazzjoni preċedenti tiegħu bħala trade mark nazzjonali. Għalkemm iċ-ċirkustanzi ta' dak l-appell kienu differenti minn dawk ta' dan, id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza tal-24 ta' Mejju 2012 jistgħu jiġu estrapolati hawn.

44 — Fis-seduta, l-EUIPO qal li, fl-opinjoni tiegħu, il-kelma "deluxe" assolutament ma hijiex kapaċi tiddistingwi ebda prodott jew servizz.

45 — Fis-seduta wkoll, fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-EUIPO rrikonoxxa li t-teorija prinċipali tiegħu kienet ibbażata fuq in-nuqqas ta' kapaċità komplut tas-sinjal "deluxe" li jidentifika oġġetti jew servizzi u t-teorija sussidjarja tiegħu, li, fl-indirizzar ta' dawn tal-aħħar, kellu jiġi analizzat jekk dawn urewx karatteristiċi komuni li jippermettu li jinġabru flimkien taħt kategorija waħda jew iktar minn waħda.

61. Għall-Qorti Ġenerali, il-karattru ta' eloġju u promozzjonali tal-kelma "deluxe" ("jekk wieħed jassumi li dan il-fatt ġie pprovat")[46] ma jiġġustifikax ir-raġuni globali tal-Bord tal-Appell[47]. F'din is-sentenza ma nara ebda żball ta' liġi, peress li, minn naħa waħda, skont il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, ma għandux jissemma n-nuqqas ta' karattru distintiv fih innifsu ta' sinjal ta' eloġju jew pubbliċitarju; min-naħa l-oħra, dik il-Qorti ma ċaħditx lill-EUIPO mill-possibbiltà li jipprovdi raġuni globali, iżda tordna li, biex tagħmel hekk, jelimina l-karattru distintiv tas-sinjal għal raġunijiet oħra għajr is-sempliċi appartenenza fil-qasam tar-reklamar u tal-messaġġi ta' eloġju.

62. Barra minn hekk, meta tanalizza l-prodotti u s-servizzi inklużi fl-applikazzjoni ta' Deluxe Inc.[48], il-Qorti Ġenerali tosserva l-possibbiltà li dawn jinġabru fi gruppi ta', mill-inqas, seba' kategoriji peress li, skont id-deskrizzjoni tagħhom, dawn il-prodotti u servizzi kellhom diverġenzi wiesgħa bejniethom rigward in-natura, il-karatteristiċi, id-destinazzjoni u l-mod ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom[49]. Sussegwentement[50], hija tipprovdi li l-eżami ma sarx fir-rigward ta' kull wieħed mill-oġġetti u s-servizzi (jew tar-raggruppamenti eventwali tagħhom) u li l-Bord tal-Appell ma kienx ikkunsidra li dawk ikollhom bejniethom rabta suffiċjentement diretta u konkreta sabiex jiffurmaw kategorija omoġenja.

63. Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet il-kriterji rilevanti għall-valutazzjoni tal-omoġeneità tal-prodotti u s-servizzi fil-punt 46 tad-digriet CFCMCEE/UASI[51], fejn analizzat u kkonfermat l-adegwatezza u l-fondatezza ta' dawk li ġew ikkunsidrati mill-Qorti Ġenerali, jiġifieri, il-karatteristiċi, il-kwalitajiet essenzjali komuni u l-funzjonijiet ta' tali prodotti u servizzi.

64. Madankollu, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata tuża biss il-kriterji approvati mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet CFCMCEE/UASI[52], jiġifieri, tqis il-karatteristiċi, il-kwalitajiet essenzjali komuni u l-funzjonijiet ta' dawk il-prodotti u servizzi, sabiex tenfasizza d-differenzi bejniethom[53]. Hija żżomm konformità, fil-qosor, mal-Linji gwida tal-ġurisprudenza msemmija, mingħajr ma twettaq ebda żball ta' liġi lanqas fuq dan il-punt.

65. Huwa veru li, għall-Bord tal-Appell, in-nuqqas ta' karattru distintiv tas-sinjal, fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi, seħħ għaliex dawn kollha "mingħajr eċċezzjoni"[54], setgħu jiġu rreklamati bħala li għandhom kwalità iktar għolja. Skont l-EUIPO, ma huwiex rekwiżit indispensabbli li l-karatteristika komuni tal-prodotti u s-servizzi kollha tirriżulta mid-deskrizzjoni tagħhom: biżżejjed li jkun hemm rabta, suffiċjenti u diretta, adattata għal integrazzjoni f'kategorija "suffiċjentement omoġenja" għall-oġġetti u s-servizzi varji.

66. Għalhekk, fir-realtà, l-għan tal-appell huwa li jestendi dik il-ġurisprudenza sabiex taċċetta wkoll bħala kriterju l-karatteristika komuni li jsemmi l-EUIPO, jiġifieri, is-suxxettibilità tal-prodotti u s-servizzi kollha sabiex ikunu jistgħu jiġu rreklamati bħala "ta' kwalità għolja".

46 — Punt 27, *in fine*, tas-sentenza appellata.

47 — Għalkemm dan l-argument jissemma fl-aħħar tas-sentenza appellata, jidher xieraq li jissemma f'dan il-passaġġ, peress li nemmen li jispjega aħjar ir-*ratio decidendi* tagħha.

48 — Fil-punti 20u 21 tas-sentenza appellata.

49 — Skont il-Qorti Ġenerali, it-"trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tkopri iktar minn disgħin prodott u servizz, li jaqgħu fi tmien klassijiet differenti u jirreferu għal materjali differenti bħaċ-ċinema, ir-reklamar, il-ħżin u t-trasport ta' merkanzija, ir-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti, is-sigurtà, id-divertiment jew l-informatika" (il-punt 20 tas-sentenza appellata).

50 — *Ibidem*, punt 22

51 — Digriet tat-18 ta' Marzu 2010 (C-282/09 P, EU:C:2010:153).

52 — Digriet tat-18 ta' Marzu 2010 (C-282/09 P, EU:C:2010:153).

53 — "L-eżistenza ta' tali rabta bejn, pereżempju, films ċinematografiċi, servizzi ta' kunsinna ta' prodotti bi trakkijiet, servizzi ta' ħżin ta' merkanzija, servizzi ta' riċerka u żvilupp ta' prodotti, kif ukoll il-hosting u d-disinn ta' siti tal- internet għal terzi, ma tidhirx evidenti u, fi kwalunkwe każ, ma tirriżultax mill-kliem tad-deċiżjoni kkontestata" (punt 27 tas-sentenza appellata).

54 — Punt 22 tad-deċiżjoni kkontestata.

67. Jien ma naqbilx ma' din il-proposta tal-EUIPO li toħloq konfużjoni, fil-fehma tiegħi, bejn iż-żewġ fażijiet tal-proċess ta' analiżi tal-karattru distintiv. Meta tiġi analizzata l-perċezzjoni tal-pubbliku, għandu jiġi vverifikat jekk jidentifikax, fil-messaġġ ta' eloġju, l-oriġini kummerċjali tal-oġġetti u s-servizzi, jew jekk jipperċepihx, pjuttost, bħala indikazzjoni sempliċi tal-kwalità. Minflok, sabiex jiġu stabbiliti kategoriji ta' prodotti li fir-rigward tagħhom jista' jiġi indikat il-karattru distintiv tat-trade mark, huwa essenzjali li r-rabta tkun ġejja minnhom, jiġiferi, mill-kwalitajiet komuni tagħhom, mill-karatteristiċi tagħhom jew mill-funzjonijiet tagħhom.

68. Fi kliem ieħor: l-ewwel, għandhom jiġu mfittxija u, jekk ikun meħtieġ, jiġu ordnati l-elementi u r-rabtiet intrinsiċi li jkollhom l-oġġetti u s-servizzi differenti f'kategoriji; u mbagħad, jiġu allinjati mas-sinjal li jkun qed jiġi analizzat il-karattru distintiv tiegħu. Huwa biss jekk bejn dawn il-prodotti u s-servizzi jinstab element komuni li jippermetti jiġu meqjusa b'ċerta omoġeneità li tista' ssir evalwazzjoni globali tal-karattru distintiv tat-trade mark għall-kategorija omoġenja, stabbilita hekk, ta' dawk il-prodotti u servizzi [55].

69. L-allegata karatteristika komuni tal-prodotti u servizzi li t-trade mark "deluxe" hija maħsuba li tkopri, skont l-EUIPO, tirriżulta mill-messaġġ ta' eloġju nnifsu. Iżda din id-deduzzjoni, nenfasizza, ma tirriżultax mill-analiżi tal-prodotti u s-servizzi, iżda minn dik tas-sinjal fir-rigward tal-pubbliku rilevanti. Sabiex jinħolqu kategoriji omoġenji ta' prodotti u servizzi għandhom neċessarjament ikunu indirizzati l-karatteristiċi tal-oġġetti u s-servizzi li se jiġu protetti, peress li minnhom biss jistgħu jirriżultaw l-elementi intrinsiċi paragunabbli sabiex jiġu stabbiliti s-similaritajiet u d-differenzi. Dan l-approċċ huwa, finalment, iktar oġġettiv u, għaldaqstant, jipprovdi ċertezza legali ikbar għall-operaturi ekonomiċi.

70. Għalhekk, jien ma naqbilx mar-raġunament tal-EUIPO li għandu t-tendenza li jestendi, fis-sens imsemmi hawn fuq, il-mod ta' kif jinstabu konnessjonijiet diretti u konkreti li jagħtu omoġeneità lil diversi prodotti u servizzi sabiex jippermettu l-valutazzjoni globali tagħhom għall-finijiet tal-eżaminazzjoni tal-karattru distintiv. U, bl-esklużjoni ta' din il-possibbiltà, peress li l-Qorti Ġenerali użat il-kriterji approvati mid-digriet CFCMCEE/UASI [56] (jiġifieri, il-karatteristiċi, il-kwalitajiet essenzjali komuni u l-funzjonijiet tal-prodotti u s-servizzi) sabiex tenfasizza d-differenzi bejniethom, hija żammet konformità, f'dan ir-rigward, mal-ġurisprudenza msemmija, mingħajr ma sar ebda żball ta' liġi.

71. L-EUIPO, fid-difiża tal-appell tiegħu, isemmi wkoll id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħti fil-kawża li tikkonċerna t-trade mark "BigXtra" [57]. Madankollu, il-paragrafi 48 u 49 ta' dak id-digriet ma rreferewx għar-rabta suffiċjentement diretta u konkreta bejn il-prodotti u s-servizzi diskussi hemmhekk, iżda għall-kritika indirizzata lill-Qorti Ġenerali, li, skont il-parti appellanti hemmhekk, kienet invertiet l-oneru tal-prova sabiex turi li ma kienx hemm raġuni assoluta għal rifjut.

72. Fis-sentenza appellata f'dik il-kawża [58], il-Qorti Ġenerali sempliċement irribattiet l-argument tal-appellanti, li sostniet li l-Bord tal-Appell ma kienx eżamina l-karattru distintiv tas-sinjal rigward il-prodotti u s-servizzi mitluba. Fl-appell sussegwenti, għalhekk, ma ġietx sottomessa lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda dwar jekk kienx ikun biżżejjed, bħala rabta bejn il-prodotti u s-servizzi, li kollha setgħu joffru tnaqqis sostanzjali fil-prezz, vantaġġi sostanzjali jew kumpens speċjali, iżda biss l-ilment fuq il-qsim tal-oneru tal-prova, li ma ġiex aċċettat, b'konferma tas-sentenza appellata. Konsegwentement, id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża BigXtra [59] ma jistax jiġi estrapolat għall-każ preżenti.

55 — L-aċċettazzjoni ta' karatteristika komuni tal-"messaġġ" tat-trade mark tfisser li jiġi invertit il-proċess ta' deduzzjoni loġika li jwassal biex tinstab rabta suffiċjentement diretta u konkreta bejn il-prodotti u s-servizzi.

56 — Digriet tat-18 ta' Marzu 2010 (C-282/09 P, EU:C:2010:153).

57 — Digriet tal-11 ta' Diċembru 2014, BigXtra, (C-253/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2445). Ara l-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

58 — Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2014, FTI Touristik vs UASI (BigXtra) (T-81/13, mhux ippubblikata, EU:T:2014:140), punti 43 sa 47.

59 — Digriet tat-18 ta' Marzu 2010 (C-282/09 P, EU:C:2010:153).

73. Lanqas ma naqbel mal-argument li jekk ma tiġix aċċettata l-proposta għall-estensjoni tal-ġurisprudenza, fit-termini ssuġġeriti mill-EUIPO, dan iwassal għal ripetizzjoni bla bżonn fid-deċiżjonijiet tar-raġuni bażika għar-rifjut ta' kull prodott jew servizz. Tali riżultat ma huwiex meħtieġ u irrimedjabbli, peress li la s-sentenza appellata ma titlob hekk u lanqas ma jista' jiġi eskluż li l-istess raġuni ta' rifjut tkun valida għal kategoriji differenti ta' prodotti u servizzi, li jkunu kapaċi, f'dak il-każ, sempliċement jipprovdu spjegazzjoni konġunta ta' dik il-validità.

74. Fl-aħħar nett, nixtieq li nirritorna fil-qosor, kif semmejt fil-bidu ta' dawn il-konklużjonijiet [60], għall-ittra (c) tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009. Huwa f'din l-ittra, u mhux fl-ittra (b), l-unika waħda ppreżentata fl-appell, fejn jinstabu r-raġunijiet għar-rifjut assoluti relatati mas-sinjali deskrittivi, jiġifieri, l-ipoteżi li t-trade marks "jikkonsistu esklussivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw fil-kummerċ sabiex jindikaw […] il-kwalità […] jew karatteristiċi oħrajn tal-prodotti jew servizzi".

75. Kif diġà indikajt, il-Qorti Ġenerali użat is-setgħa rrikonoxxuta li ma tinvestigax ir-raġunijiet l-oħra għal annullament meta ssib waħda minnhom [f'dan il-każ, dik li tappartjeni għall-ittra (b) tal-istess artikolu 7(1)], u għalhekk ma bbażatx ruħha fuq il-ksur tal-ittra (c). U, fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-koinċidenza parzjali tal-oqsma rispettivi ta' applikazzjoni, u indikat id-differenza bejn iż-żewġ ittri, li tinvolvi li l-ewwel waħda tkopri l-każijiet kollha li fihom sinjal ma jkunx jista' jiddistingwi l-prodotti jew servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriża oħra [61], li tista' tapprova l-pożizzjoni meħuda mis-sentenza appellata li ma tiġix analizzata r-raġuni ta' annullament imsemmija fl-ittra (c).

76. Madankollu, fl-interess tal-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009, l-istess ġurisprudenza ċċarat din l-istqarrija billi enfasizzat il-ħtieġa li r-raġuni għal rifjut stabbilita fl-ittra c) tkun riżervata biss għall-każijiet imsemmija fiha [62]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun relatata mal-interess ġenerali sottostanti li t-trade marks magħmulin esklużivament minn sinjali jew indikazzjonijiet li jservu sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew servizz, fis-sens ta' din l-imsemmija dispożizzjoni, ikunu disponibbli liberament għal kulħadd u ma jistgħux jiġu rreġistrati [63].

77. Madankollu, nemmen li jekk tiġi kkontestata deċiżjoni fuq il-bażi taż-żewġ raġunijiet għal rifjut tal-ittri (b) u (c), il-koinċidenza tal-ambitu ta' applikazzjoni tagħhom tagħmel preferibbli li l-Qorti Ġenerali teżamina t-tnejn li huma, anki jekk tilqa' waħda minnhom biss. Bħal avukati ġenerali oħrajn, jiena favur, ukoll, li l-analiżi tibda mill-ittra (c) [64], b'kunsiderazzjoni li, fil-kuntest leġiżlattiv tar-Regolament tat-trade mark tal-Unjoni, ikun aħjar jekk iż-żewġ kriterji ma jiġux assimilati u lanqas jiġu meqjusa bħala intrinsikament interdipendenti [65].

78. Fil-fatt, għalkemm biżżejjed li jkun hemm raġuni assoluta għar-rifjut ta' aċċess għar-reġistru [66], l-istudju u d-deċiżjonijiet fuq il-bqija tar-raġunijiet invokati jistgħu jipprevjenu, fil-każ ta' annulament, li jerġa' jinbeda l-proċess proċedurali tal-kontestazzjoni.

60 — Ara l-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

61 — Sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI (C-51/10 P, EU:C:2011:139), punt 47.

62 — Sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI (C-51/10 P, EU:C:2011:139), punt 48.

63 — Sentenza tat-8 ta' April 2003, Linde *et* (C-53/01, EU:C:2003:206), il-punt 74. Minħajr dubju, is-sinjal "deluxe" kien kumpless, iżda jekk kemm l-eżaminatur kif ukoll il-Bord tal-Appell enfasizzaw in-natura "trivjali" tal-element figurattiv, nieqes minn kwalunkwe rilevanza għall-eżaminazzjoni ta' kemm ikun distintiv, għal raġunijiet ta' konsistenza kellhom iqabblu dan is-sinjal ma wieħed magħmul *esklużivament* minn indikazzjoni possibbli tal-kwalità tal-prodotti.

64 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Mag Instrument vs UASI (C-136/02, EU:C:2004:151), punt 20.

65 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża UASI vs Wrigley (C-191/01 P, EU:C:2003:225), punti 51 u 53.

66 — Digriet tat-13 ta' Frar 2008, Indorata-Serviços e Gestão vs UASI (C-212/07 P, għadu ma ġiex ippubblikat, EU:C:2008:83), punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata.

79. Madankollu, peress li l-argumenti tal-EUIPO dwar in-nuqqas ta' karattru distintiv tas-sinjal ikkontestat kienu bbażati fuq il-fatt li dan kien jikkostitwixxi espressjoni ta' kwalità superjuri, il-kunsiderazzjonijiet stabbiliti hawn fuq japplikaw kemm għall-ittra (b) kif ukoll għall-ittra (c) (subsezzjoni "indikazzjoni ta' kwalità") tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009.

80. Fil-qosor, jiena nemmen li ma jistax jintlaqa' l-uniku aggravju tal-appell, peress li fis-sentenza appellata ma seħħewx l-iżbalji ta' liġi li EUIPO jsostni li seħħew, u dan għandu jwassal għal ċaħda tal-appell.

VI. Konklużjoni

81. Fid-dawl tar-raġunamenti preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

1) Tiċħad l-appell ippreżentat mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2015, mogħtija fil-Kawża T-222/14, Deluxe Laboratories/UASI (deluxe).

2) Tordna lill-EUIPO jħallas l-ispejjeż ta' Deluxe Entertainment Services Group Inc.